

Brussell, 7 ta' Ġunju 2024  
(OR. en)

10666/24

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2022/0155(COD)**

---

---

JAI 939  
ENFOPOL 276  
CRIMORG 90  
IXIM 149  
DATAPROTECT 231  
CYBER 182  
COPEN 296  
FREMP 284  
TELECOM 202  
COMPET 616  
MI 572  
CONSOM 209  
DIGIT 151  
CODEC 1431

## NOTA

---

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni tal-abbuż sesswali tat-tfal u għall-ġlieda kontra dan – Rapport ta' progress

---

## I. INTRODUZZJONI

1. Fil-11 ta' Mejju 2022, il-Kummissjoni adottat il-proposta msemmija<sup>1</sup> hawn fuq akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt u komunikazzjoni. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE u għandha żewġ elementi kostitwenti ewlenin. L-ewwel nett, il-fornituri ta' servizzi online, bħall-fornituri ta' servizzi hosting u servizzi tal-komunikazzjoni interpersonali, ikunu obbligati jipprevjenu d-disseminazzjoni, jidentifikaw, jirrapportaw u jneħħu materjal ta' abbuż sesswali tat-tfal online ("CSAM"), u jipprevjenu, jidentifikaw u jirrapportaw is-solleċitazzjoni tat-tfal ("grooming"). It-tieni, trid tiġi stabbilita aġenzija ġdida u deċentralizzata tal-UE (iç-

---

<sup>1</sup> 9068/22.

"Ċentru tal-UE")<sup>2</sup> biex tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-Regolament propost, flimkien ma' network ta' Awtoritajiet ta' Koordinazzjoni u awtoritajiet kompetenti nazzjonali.

2. Fil-Kunsill, il-proposta ġiet eżaminata matul 31 laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Infurzar tal-Liġi - Pulizija (LEWP-P) s'issa biex jitħejja mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew.
3. Is-Servizz Legali tal-Kunsill ħareġ l-opinjoni bil-miktub tiegħu fis-26 ta' April 2023<sup>3</sup>.
4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kellu dibattiti ta' orjentazzjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq fil-31 ta' Mejju u t-13 ta' Ottubru 2023, li ffokaw fuq il-kamp ta' applikazzjoni tal-ordni ta' detezzjoni u l-aspetti relatati mal-komunikazzjonijiet kriptati u ċ-ċibersigurtà. Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-kwistjoni f'sessjoni pubblika fid-19 ta' Ottubru u l-5 ta' Diċembru 2023.
5. Fil-Parlament Ewropew, il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) huwa l-kumitat ewlieni għan-negozjati dwar il-proposta. F'Ottubru 2022 il-kumitat ħatar lill-MEP Javier Zarzalejos (PPE, ES) bħala r-relatur. Il-Kumitat LIBE adotta r-rapport tiegħu fl-14 ta' Novembru 2023, u l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tqieset adottata fit-22 ta' Novembru 2023.
6. Ir-Regolament (UE) 2024/1307 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 jestendi sat-3 ta' April 2026 il-perjodu ta' applikazzjoni tal-qafas legali temporanju dwar l-abbuż sesswali tat-tfal previst fir-Regolament (UE) 2021/1232 dwar deroga temporanja minn ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2002/58/KE fir-rigward tal-użu ta' teknoloġiji minn fornituri tas-servizzi tal-komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri għall-ipproċessar ta' data personali u data oħra għall-fini tal-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal online.

---

<sup>2</sup> L-għażla tas-sede taċ-Ċentru tal-UE ser tkun soġġetta għal proċedura interistituzzjonali skont l-eżempju tal-għażla tas-sede tal-Awtorità għall-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus.

<sup>3</sup> 8787/23.

## II. PROGRESS TAL-ĦIDMA MATUL IL-PRESIDENZA BELĠJANA

7. Taħt il-Presidenza Belġjana, il-LEWP-P iddedika ħin u sforzi konsiderevoli biex jiġu kkunsidrati approċċi ġodda għar-Regolament propost u biex jiġu abbozzati testi ta' kompromess fil-laqgħat tal-1 ta' Marzu<sup>4</sup>, id-19 ta' Marzu<sup>5</sup>, it-3 ta' April<sup>6</sup>, il-15 ta' April<sup>7</sup>, it-8 ta' Mejju, l-24 ta' Mejju u l-4 ta' Ġunju 2024<sup>8</sup>.
8. Il-Presidenza kkonċentrat l-isforzi tagħha fuq ir-rispons għat-tħassib espress minn xi delegazzjonijiet rigward il-proporzjonalità u l-immirar ta' ordnijiet ta' detezzjoni u relatati maċ-ċibersigurtà:
- Il-Presidenza ssuġġeriet żewġ elementi kostitwenti interkonnessi: (1) valutazzjoni tar-riskju u kategorizzazzjoni tar-riskju tas-servizzi mtejbja biex l-ordnijiet ta' detezzjoni jsiru aktar immirati u (2) jiġu protetti ċ-ċibersigurtà u d-data kriptata, filwaqt li s-servizzi li jużaw kriptaġġ minn tarf sa tarf jinżammu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni.
  - Sussegwentement, id-delegazzjonijiet ħadmu fuq l-iżvilupp ta' metodoloġija għad-determinazzjoni tar-riskju ta' servizzi speċifiċi abbażi ta' sett ta' kriterji oġġettivi (relatati mad-daqs, it-tip u l-arkitettura ewlenija tas-servizz, il-politiki tal-fornitur u s-sikurezza mill-funzjonalitajiet tad-disinn u l-immappjar tat-tendenzi tal-utenti).
  - Wara l-eżitu ta' dan il-proċess ta' kategorizzazzjoni tar-riskju, is-sistemi jew partijiet minnhom jiġu kklassifikati bħala "riskju għoli", "riskju medju" jew riskju baxx". Abbażi ta' din il-kategorizzazzjoni, jistgħu jiġu imposti miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq il-fornituri kklassifikati fil-kategoriji ta' riskju medju u ta' riskju għoli. F'każ li jkun għadhom jeżistu riskji sinifikanti wara l-implimentazzjoni tal-miżuri addizzjonali ta' mitigazzjoni tar-riskju, l-Awtorità ta' Koordinazzjoni tista' tikkunsidra li titlob il-ħruġ ta' ordni ta' detezzjoni bħala miżura tal-aħħar istanza għal servizzi li huma kklassifikati bħala riskju għoli. Il-fornituri jistgħu wkoll jindikaw b'mod volontarju lill-Awtorità ta' Koordinazzjoni tal-istabbiliment jekk għandhomx suspetti li s-servizzi tagħhom qed jintużaw għall-abbuż sesswali tat-tfal li jista' jirrikjedi l-ħruġ ta' ordnijiet ta' detezzjoni.

---

<sup>4</sup> 6850/24.

<sup>5</sup> 7462/24.

<sup>6</sup> 8019/24.

<sup>7</sup> 8579/24.

<sup>8</sup> 9093/24.

- Il-Presidenza pproponiet li żżomm is-servizzi li jużaw kriptaġġ minn tarf sa tarf fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni maħruġa għal servizzi ta' riskju għoli, bil-kundizzjoni li dan ma jobbligax lill-fornituri joħlqu aċċess għal data kriptata minn tarf sa tarf u li t-teknoloġiji użati għad-detezzjoni jiġu eżaminati fir-rigward tal-effettività tagħhom, l-impatt tagħhom fuq id-drittijiet fundamentali u r-riskji għaċ-ċibersigurtà.
  - Wara diskussjonijiet fil-livell tekniku, il-Presidenza aġġustat l-approċċ tagħha u ssuġġeriet li jiżdiedu aktar salvagwardji biex jiġu żgurati l-proporzjonalità u r-rispett għad-drittijiet fundamentali, jiġifieri l-limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' detezzjoni għall-kontenut viżiv u l-URLs, ir-rapportar ittardjat wara żewġ hits ta' materjal ġdid ta' abbuż sesswali tat-tfal biex jitnaqqsu l-pożittivi foloz, il-pseudonimizzazzjoni ta' materjal ġdid identifikat ta' abbuż sesswali tat-tfal qabel il-verifika mill-bniedem, u l-protezzjoni ta' data kriptata minn tarf sa tarf filwaqt li tippermetti d-detezzjoni fil-komunikazzjoni interpersonali permezz ta' moderazzjoni tal-upload li tirrikjedi l-kunsens tal-utenti.
  - Il-Presidenza għamlet ħilitha wkoll biex tiċċara li d-detezzjoni ma għandhiex tapplika għall-kontijiet użati mill-Istat għal finijiet ta' sigurtà nazzjonali, iż-żamma tal-liġi u l-ordni jew għal finijiet militari.
9. Il-Presidenza nnotat fil-laqgħa tal-LEWP-P tal-4 ta' Ġunju 2024 li ma kienx hemm bżonn li jitkomplu l-eżami fil-livell tekniku, peress li l-mistoqsijiet tekniċi kollha kienu ġew indirizzati b'mod komprensiv.
10. Il-Presidenza hija impenjata li tilħaq compromess u biħsiebha, wara l-preżentazzjoni tal-progress fil-Kunsill fit-13 ta' Ġunju 2024, toħroġ test ta' compromess u sussegwentement tistieden lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex jaqbel ma' mandat ta' negozjar<sup>9</sup> parzjali.

### III. KONKLUŻJONI

11. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill huwa mistieden jieħu nota tal-progress tal-ħidma tal-Presidenza dwar ir-Regolament li jstabilixxi regoli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-abbuż sesswali tat-tfal.

---

<sup>9</sup> "Parzjali" minħabba li l-għażla tas-sede taċ-Ċentru tal-UE hija eskluża.